**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 75**

It-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fid-9.32 a.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Chris Said* kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Alex Muscat, ~~l-Onor. Chris Said~~*, l-Onor. Davina Sammut Hili, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Julie Zahra kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 78 tal-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 74 li saret fil-11 ta' Jannar 2023 kienu kkonfermati.

Is-Sedja informat lill-Kamra li wara li rat il-komunikazzjoni mingħand l-Onor. Stephen Spiteri b'referenza għall-assenza tiegħu fis-seduta 73 tal-10 ta' Jannar 2023, is-Sedja ordnat li ssir il-korrezzjoni tal-Minuti tas-seduta msemmija biex l-Onor. Membru jiġi reġistrat bħala skużat.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1166 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Alex Borg fil-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni li nżammet ġewwa Praga, ir-Repubblika Ċeka fl-4 u l-5 ta' Settembru 2022;

P.L. 1167 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Rebekah Borg fil-Laqgħa Parlamentari Konġunta ta' Skrutinju dwar il-EUROPOL li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2022; u

P.L. 1168 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Carmelo Abela fil-Laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fis-16 ta' Novembru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-ftehim milħuq din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet.

**MOZZJONIJIET**

**101. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ppropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap. 261, u dispożizzjonijiet ancillari" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34**

Il-Kamra rriżumiet mill-11 ta' Jannar 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Omar Farrugia għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Justin Schembri, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Ian Vassallo, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Graziella Galea għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fil-11.55 a.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin.

**AĠĠORNAMENT**

Fil-11.56 a.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |

-----

Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali Kumitat Permanenti

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, il-ħin tal-aġġornament ma kellux jittieħed.

Fil-11.58 a.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**